MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 55/2003/1

**Thomas u Catherine Cauchi**

**vs**

**Lawrence Caruana**

**Il-Qorti,**

Lawrence Caruana appella miz-zewg digrieti pronunzjati mill-Bord li Jirregola l-Kera li permezz taghhom dak il-Bord cahadlu t-talba ghall-hatra ta' perit biex jezamina l-access ghar-razzett kif ukoll it-talba promotrici tieghu ghar-revoka tal-Mandat ta' Zgumbrament Numru 10/03;

L-appellant jikkontendi li l-Bord ghamel apprezzament hazin tal-provi meta cahad it-talba tieghu ghar-revoka tal-mandat *de quo*. Fil-fehma tieghu l-Bord kellu jilqa' din it-talba jew in pessima ipotesi jordna li jsir access ghall-

ahjar determinazzjoni tal-qaghda tar-razzett u ta' l-access ghalih;

Qabel ma tigi ezaminata l-fondatezza, o meno, ta' l-aggravji interposti jigi qabel xejn senjalat illi skond l-Artikolu 384 tal-Kapitolu 12, "fl-esekuzzjoni ta' mandat ta' zgumbrament jew ta' tkeccija ta' kerrej jew ta' detenturi ohra ta' beni immobbli, il-marixxal ghandu jordna lill-kerrej jew lid-detentur li jhalli l-fond fi zmien mhux anqas minn erbat ijiem u mhux izjed minn tmint ijiem; meta jaghlaq dan iz-zmien il-marixxal ghandu johrog mill-fond lill-kerrej jew lid-detentur u jhalli l-istess fond battal minn kull haga li tkun ta' dak il-kerrej jew detentur";

Minn dan jitnissel bl-aktar mod car illi l-marixxal ezekutant hu moghti s-setgha li fl-adempiment ta' l-ezekuzzjoni lilu affidata jassikura, bla tfixkil, it-tnehhija mill-fond tal-kerrej jew detentur tieghu. Dan in ottemperanza ta' l-ordni lilu moghtija mit-tribunal;

Issa l-appellant mhux qed jikkontesta l-fatt li fil-konfront tieghu nghatat sentenza mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-10 ta' Mejju 2000, konfermata in sede appell fis-17 ta' Marzu 2003. Sentenza din li wasslet ghall-izgumbrament tieghu mir-razzett f' B'Bugia. Huwa pero` hass li kellu jipprevalixxi ruhu mid-dispost ta' l-Artikolu 283A tal-Kapitolu 12 biex jitlob ir-revoka tal-mandat ta' zgumbrament. Dan fuq l-assunzjoni illi tali mandat ma setax jigi ezegwit in kwantu l-ligi ma kienetx taghti awtorizzazzjoni lill-marixxal ezekutant biex jidhol go proprjeta` privata ghall-iskop ta' l-ezekuzzjoni tal-mandat;

Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-argomenti zvolti mill-appellant kemm fil-korp tar-rikors promotur tieghu quddiem il-Bord, u anke issa fir-rikors ta' l-appell tieghu, kif ukoll fit-trattazzjoni orali, juru bla ebda ombra ta' dubju li din ta' l-appellant hija tattika pretestwuza, jekk mhux ukoll, arroganti, biex jigu eluzi d-drittijiet tas-sidien tal-fond;

L-Artikolu 283A fuq imsemmi specifikatament jipprovdi li r-ragunijiet additati u tendenti ghar-revoka ta' mandat ghandhom ikunu "validi skond il-ligi". Bir-rispett kollu din il-Qorti ssib li ma giet sottomessa l-ebda raguni valida mill-appellant ghall-akkojiment tat-talba pretiza ghar-revoka tal-mandat spedit fil-konfront tieghu. Raguni valida ma tistax tigi maghmula minn pretesti effimeri u kapriccjuzi. *Multo magis*, imbaghad, meta jrrizulta, anke kieku wiehed kellu joqghod fuq is-sottomissjonijiet ta' l-appellant illi r-razzett jintlahaq biss mill-ghalqa u mhux mill-moghdija – illi l-access hu possibbli biss mill-ghalqa, proprjeta` ta' l-appellati u lokata lill-istess appellant;

Huwa veru li l-mandati kollha fihom element ta' pressjoni forzata izda daqstant iehor huwa veru li l-mandati huma ntizi biex persuna taghmel dak li volontarjament messha ghamlet u baqghet ma ghamilitx, jew ghax ma riedetx jew ghax tkun naqset li taghmel, nonostante l-ordni tat-tribunal moghtija b' sentenza li ghaddiet in gudikat. Fic-cirkostanzi s-semplici tattici u spedjenti biex jiddilungaw l-ezekuzzjoni ta' sentenza mhux biss ma jitqiesux bhala raguni valida izda addirittura huma reprivevoli ghad-dehen tal-Qorti. Dan anke ghaliex tattici bhal dawn ma jistghux hlief jiffiguraw bhala merament frivoli u vessatorji. Sitwazzjoni din, li fejn tokkorri, ghandha ggib b' konsegwenza s-sanzjoni tad-*doppio spese.*

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost billi tichad l-istess u konsegwentement tikkonferma d-digrieti profferiti mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Frar 2004 u fit-13 ta' Frar 2004. In vista ta' dak espost l-appellanti ghandu jkun kostrett ibati d-*doppio spese* fit-termini ta' l-Artikolu 223 (4) tal-Kapitolu 12.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------